# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 310/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Russell Attard**
**Alastair Attard**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Russell Attard** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 024190(M) u **Alastair Attard** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0240588(M) akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli mid-19 ta' Ġunju 2020 sal-25 ta' Ġunju 2020 f'Ġnien San Mark, Ta' Karlozzu, Siġġiewi:

1. mingħajr il-ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċitaw dritt li jippretendu li għandhom,

ġiegħlu bl-awtorita' tagħhom innifishom lil Oreste u Patricia Attard iħallsu dejn jew jeżegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklu lil Oreste u Patricia Attard fil-pussess ta' ħwejjiġhom b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħlu fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u *ai termini* ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberathom bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat ieħor fi żmien sena minn dak inhar li ngħatat is-sentenza. L-Ewwel Qorti għaddiet biex fissret lill-imputati l-import u l-obbligi tagħhom naxxenti mis-sentenza fi kliem ċar u għaddiet biex tikkonferma jekk fehmux l-ispjega tal-Qorti dwarhom. *In oltre, ai termini* ta' Artikoli 85(2), 377(3) u (5) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-imputati sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tas-sentenza jneħħu l-katnazz li bih sakkru l-bir mertu tal-kawża. Il-ħatja ġew imwissija li taħt l-istess liġi jekk huma jonqsu milli jwettqu u jħarsu l-ordni fiż-żmien stabbilit: (a) huma jkunu jistgħu jiġu misjuba ħatja ta' reat u jeħlu, meta jinstabu ħatja, ammenda ta' mhux inqas minn erba' Euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.06) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien; (b) il-Qorti awtorizzat lill-Pulizija biex ineħħu l-inkonvenjent li għalih ikun jirreferixxi r-reat għas-spejjeż tal-ħatja, f'liema każ il-ħatja jistgħu jiġu mġiegħla jħallsu l-ispiża b'mandat maħruġ mill-istess Qorti.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-30 ta' Ġunju 2022 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***<u>tħassar u tirrevoka</u>*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontrihom u konsegwentement tilliberahom minnha u l-konsegwenti ħtija u piena,* ***<u>u alternattivament, f'każ biss</u>*** *illi din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellanti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti*

*jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta, għal waħda aktar ekwa, ġusta u miti, sabiex tkun tirrispekkja l-fatti tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħhom l-appellanti jressqu żewġ aggravji: wieħed huwa dwar apprezzament żbaljat ta' provi u ieħor huwa dwar il-piena.

Illi f'dan il-każ l-appellanti ġew mixlija quddiem l-Ewwel Qorti bir-reat li jemerġi minn Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat huwa dak hekk imsejjaħ ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjah *"the exercise of a pretended right"*. Huma ġew akkużati b'dan ir-reat wara li nstab katnazz ma' bir li jinsab ġewwa għalqa u eventwalment instabu ħatja mill-Ewwel Qorti tar-reat imsemmi.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law" (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat in diżamina ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh ("*di privato braccio*") dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu it-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi hu normali f'kawżi bħal din li x-xenarji li jemerġu huma kontrastanti iżda b'danakollu il-provi mismugħa xorta huma tali li jwasslu lil din il-Qorti għal ċerti konklużjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellanti jisħqu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta fis-sentenza tagħha rriteniet li l-*parte civile* Oreste Attard kellu l-pussess tal-bir mertu tal-kawża. Huma jisħqu wkoll li Oreste Attard oriġinarjament ma kellu l-ebda drittijiet fuq l-għalqa *in toto* meta din kienet għadha rreġistrata mal-Awtorita' tal-Artijiet f'isem missieru Loreto Attard u li allura, skont huma, Oreste Attard dak iż-żmien ma kellu l-ebda pussess jew dritt għall-bir mertu tal-kawża. Huma jagħmlu riferenza għad-depożizzjonijiet hekk kif mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jiġġustifikaw dan l-aggravju. Jagħlqu l-aggravju tagħhom billi jgħidu li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-konjuġi Oreste u Patricia Attard kellhom il-pussess tal-bir jew xi dritt ta' użu tal-imsemmi bir u li huma (l-appellanti) dejjem irritenew li l-ftehim kien dwar l-ilma u mhux dwar il-pussess tal-bir b'dan illi huma qatt ma setgħu jiftehmu mal-konjuġi Attard dwar il-pussess tal-bir ġialadarba l-bir kien jappartjeni unikament lilhom (lill-appellanti).

Illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fuq dan it-tip ta' aggravju (u ċioè li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi) hi ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' <u>biss</u> li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li l-bir in kwistjoni ma ġiex indikat fil-pjanta u minkejja li l-Perit Joseph Cassar ħejja d-dikjarazzjoni (Dok. "PA 2" – *a fol.* 47) li ġiet ippreżentata fl-atti fejn huwa qal li kien *oversight* minn naħa tiegħu li ma nkludiex il-bir, mill-atti proċesswali jirriżulta li kien hemm użu tal-bir mill-*parte civile* Attard. Irrilevanti mill-fatt jekk il-katusi kienux miżdudin jew le jirriżulta li mhux minnu li l-uniku sors għall-ilma kienu l-katusi in kwistjoni pero' kien hemm sors ieħor.

Illi minkejja li l-appellanti jisħqu li qatt ma kien hemm pussess effettiv da parte tal-*parte civile* u minkejja li huma jsostnu li Patricia Attard l-ewwel qalet li l-bir kien jimtela' bl-ilma tax-xita u in kontro-eżami qalet li ma kienx jimtela peress li l-katusi kienu miżdudin, jibqa' l-fatt li Oreste Attard u Patricia Attard kellhom xi tip ta' pussess tal-bir li huma kienu jagħmlu użu minnu. Jidher li l-aċċess għall-bir twaqqaf mill-appellanti minħabba allegazzjonijiet ta' ħela ta' ilma u kwistjonijiet ta' spejjeż għall-*bowser*. Ma jirriżultax li kien hemm xi kwistjoni dwar il-bir ħlief għal 2020 u kif qalet l-Ewwel Qorti jekk, kif jgħidu l-appellanti u x-xhieda tagħhom, il-katusi konnessi mal-bir kienu ilhom snin twal miżdudin u sal-2020 qatt ma kien hemm kwistjoni dwar il-bir, allura dan jikkorrobora l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* Attard li di fatti huwa kellu xi tip ta' pussess fuq il-bir liema pussess ġie mkellel f'xi żmien bejn id-19 ta' Ġunju 2020 u l-25 ta' Ġunju 2020.

Illi mill-premessi din il-Qorti hi persważa li l-elementi kollha tar-reat *de quo* ġew pruvati fil-konfront tal-appellanti u li ċertament ma hemmx raġunijiet suffiċjenti sabiex din il-Qorti tiddipartixxi mill-apprezzament tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward fejn sabet ħtija fl-appellanti tar-reat in kwistjoni. B'hekk il-Qorti ser tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti jargumentaw li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda sproporzjonata kemm fil-kwalita' tagħha u anke fil-konsegwenzi tagħha. Il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju għajr li ma tara xejn

sproporzjonat fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dana meta jiġi kkunsidrat li l-piena li setgħet tingħata fir-rigward tar-reat in kwistjoni kienet dik ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur (u dana minkejja li l-Ewwel Qorti setgħet fid-diskrezzjoni tagħha *ai termini* tal-ewwel proviso ta' Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti l-piena ta' multa). Għaldaqstant it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Russell Attard u Alastair Attard u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi l-għoxrin (20) jum sabiex jitneħħa l-katnazz li bih sakkru l-bir mertu tal-kawża (liema żmien ġie msemmi fid-decide tal-Ewwel Qorti) jibdew jiddekorru millum bl-appellanti jiġu mwissija b'dak li l-Ewwel Qorti wissiethom fid-decide tagħha jekk ma jneħħux il-katnazz fiż-żmien imsemmi. Id-drittijiet ċivili spettanti lill-partijiet jibqgħu mpreġudikati b'din is-sentenza

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**